# Il-Bandalora tal-1949 u x-Xogħol tar-rakkmu mis-Sorijiet tal-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun

**Carmen Duca**

*Ftit ġimgħat qabel l-aħħar edizzjoni ta' Żejt iż-Żejtun li saret fid-29 ta' Settembru, ġejna avviċinati minn Carmen Duca li fuq inizjattiva tagħha, u bil-għajnuna ta' xi volontiera oħra, ġabret b'tant dedikazzjoni diversi opri ta' xogħol bir-rakkmu tad-deheb maħdum mis-sorijiet tal-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun, sabiex ittella' wirja fl-istess istitut. Permezz ta' din il-wirja Carmen tat rikonoxximent xieraq lill-kapaċità ta' dawn is-sorijiet u fetħet tieqa fuq il-ħajja u r-relevanza ta' dan l-istitut ilbieraħ u llum. Fost dawn l-opri kien hemm il-bandalora l-antika tal-Għaqda tagħna, dik tal-1949 li tant intlaqgħet tajjeb. Ħsibna li jkun biss xieraq li nistiednu lil Carmen taqsam magħna l-oriġini u l-għanijiet ta' dan l-Istitut u l-apprezzament lejn dan ix-xogħol li s-sorijiet kienu jagħmlu b'tant dedikazzjoni.*

## L-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun

Il-Fundatriċi Madre Ġiużeppina Curmi, kienet iltaqgħet ma' tfajla żagħżugħa li kien jisimha Vincenza De Gabriele (li aktar tard saret it-tieni Madre Ġenerali) li din bħal fundatriċi kellha x-xewqa li tiġbor it-tfal foqra ltiema. B'qalbha kollha Vincenza offriet ruħha flimkien mal-fundatriċi għal din il-missjoni kbira. Vinċenza ma sabet l-ebda xkiel min-naħa tal-familja anzi dejjem sabet appoġġ meta kienu fil-bżonn. Fl-1913 krew dar żgħira li kienet tinsab fi Triq San Piju X fiż-Żejtun. Fit-23 ta' Ottubru, flimkien ma tlett itfal bniet orfni u abbandunati miġbura mit-toroq, offrew lilhom infushom u l-ħajja tagħhom f'ċerimonja fil-Knisja ż-żgħira lil Ġesù Nazzarenu ġewwa Tas-Sliema. Illum din jieħdu ħsiebha l-Patrijiet Dumnikani.

B'hekk l-ewwel dar fi Triq San Piju X bdiet tieħu l-ħajja, tant li ma damux ma ħassew il-bżonn ta' dar ikbar, għalhekk fl-1915 fittxew u sabu waħda aktar addattata fi Pjazza Brittanika ġewwa ż-Żejtun stess. Din l-istess dar hi llum ir-residenza tal-Arċipriet. Sa dan iż-żmien ma kellhomx sodod. L-Arċipriet u d-Direttur tagħhom ta' dak iż-żmien, Dun Pawl Zammit mill-Gudja, tagħhom xi sodod, filwaqt li benefattur ieħor, is-Sur De Gabriele, xtralhom il-kutri. Dan l-istess benefattur kemm-il darba għinhom, speċjalment meta ma kienx ikollhom x'jieklu. Dun Spiridione Grixti kien ipprovdielhom xi bankijiet biex it-tfal jitgħallmu l-iskola filwaqt li l-provvidenza kompliet tibgħat benefatturi oħrajn li komplew ġejjin b'aktar affarijiet foshom lis-Sur Alfonso Caruana li kien iħoss ħafna meta kien jara lil dawk it-tfal jieklu fl-art u għalhekk kien beda jiġbor biex jagħmlilhom kamra tal-ikel. Is-Sur Caruana kien magħruf ħafna maż-Żejtun kollu bħala benefattur kbir tagħhom. Aktar 'il quddiem, il-Markiża Testaferrata, li kienet ħabiba tal-qalb ta' Madre Curmi, marret iżżurha u din urietha l-Istitut kollu. Ma setgħetx ma tinnutax ċertu faqar ġewwa dan l-Istitut, biżżejjed insemmu li l-Madre magħha kienet traqqad lil sħabha kif ukoll uħud mit-tfal fuq saqqijiet tat-tiben. Il-

Markiża ħasset ħafna għaliha tant li tkellmet ma' żewġha u flimkien irranġaw bejniethom biex jagħtuha parti mill-Palazz tagħhom Aedes Danielis li konnessa miegħu hemm il-Bażilika tal-Bon Kunsill. It-tfal dak iż-żmien kienu 33. Fit-13 ta' Ġunju 1917, Madre Curmi rċeviet iċ-ċwievet tal-Palazz u fit-2 ta' Lulju lkoll marru joqogħdu f'dan l-Istitut ġdid.

Fl-1921 miet l-ewwel Direttur tal-Istitut Dun Pawl Zammit. L-Arċisqof Mauro Caruana O.S.B. bagħat lil Mons. Giuseppe De Piro floku. Id-Direttur il-ġdid Mons. De Piro kien iħoss li l-qagħda tagħhom ġewwa dan il-Palazz kellu jkollha t-tmiem tagħha. Ix-xewqa tiegħu kienet li jkollhom Istitut tagħhom. Madre Curmi stqarret ma' Mons. De Piro li sa mill-1885 kellha x-xewqa li tixtri għalqa biex tibni l-Istitut li nafu llum. Wara ħafna sagrifiċċji u talb, biex Madre Curmi setgħet tixtri din l-għalqa marret titlob lis-Sur Cassar Torreggiani biex jislifha £628, u b'hekk inxtrat l-għalqa Ħajt il-Wied. Fid-29 ta' Marzu 1925 saret iċ-Ċerimonja tal-ewwel ġebla tal-Istitut, imqiegħda mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Mauro Caruana O.S.B.


Mons. Giuseppe de Piro, it-tieni Direttur tal-Istitut


L-Arċisqof Mauro Caruana

Biss mhux kollox kien ward u żahar. L-ewwel problema kienet li l-Kommendatur is-Sur Alfons M. Galea, li ħadem fuq il-pjanta, ħaseb li Madre Curmi kellha ħafna flus billi dejjem kienet tgħidlu li trid pjanta kbira u sabiħa. Min-naħa l-oħra, Madre Curmi ħasbet li s-Sur Galea sab xi benefatturi biex jgħinu fil-bini tal-Istitut. Iżda min dan kollu ma kien hemm xejn u l-bini beda b'£70 biss. Wara sena u nofs il-bini kellu jieqaf minħabba nuqqas ta' fondi. Maż-żmien bejn bil-kontribuzzjonijiet ta' 6d. il-ġebla, bejn bil-ġbir ta' xi uċuħ tar-raba' kif ukoll bis-saħħa ta' benefattriċi li kienet tħallas il-kont, il-bini tkompla wara li kien ilu sentejn wieqaf. Fl-1929, fil-festa ta' San Girgor, is-sorijiet u r-residenti daħlu fl-Istitut il-ġdid, għalkemm ma kienx għadu lest. Il-bini kien għadu bla twieqi u bla bibien. Fis-16 ta' Lulju 1930, saret l-ewwel Quddiesa fl-Istitut, u wara l-funzjoni ġie mbierek. Kien fit-30 ta' Ottubru 1931, meta l-Arċisqof ġie mistieden biex jagħmel il-Griżma tal-Isqof lit-tfal tal-Istitut. Dak inhar kien il-mument fejn is-Sinjorina Ġużeppina Curmi (il-Fundatriċi) flimkien ma' sħabha, li kienu sitta, daħlu quddiem l-Eċċellenza Tiegħu sabiex jitolbuh il-kunsens tiegħu biex titwaqqaf il-Kongregazzjoni, li bosta drabi ġiet irrifjutata. Iżda dakinhar l-Arċisqof aċċetta t-talba ta' Madre Curmi billi qalilha "Jiena aċċettajt it-talba tiegħek u ngħidlek TISTA' TIBDA". Minn dak inhar twaqqfu s-Sorijiet Missjunarji ta' Ġesu' Nazzarenu. Dawn is-Sorijiet huma wkoll magħrufin bħala tas-'Sindku', għaliex il-Fundatriċi - is-Sinjorina M.Ġużeppina Curmi, kienet bint is-Sindku Dr Paolo Curmi.

## Ix-Xogħol tar-Rakkmu bid-Deheb

Fil-ħidma tagħhom is-sorijiet jaraw li d-doveri spiritwali kienu u għadhom l-ewwel u qabel kollox. Kienu wkoll jieħdu ħsieb tfal iltima u anqas ixxurtjati li kienu laħħqu mal-mitejn tifel u tifla. Ħafna drabi l-għixien tagħhom kien jiddependi fuq il-providenza u l-ġenerożità tal-benefatturi, biss ġieli għamlu xi xogħlijiet bħalma kienu l-kummissjoniet ta' xogħol fir-rakkmu tad-deheb, li għalih baqgħu rinomati. Fost dawn insibu l-bandalora tal-Ghaqda Mużikali San

Leonardu li saret fl-1949 u li għal ħafna żmien intużat bħala standard.



Il-knisja u l-istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun

Is-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu bdew jaħdmu x-xogħol tar-rakkmu għax kellhom domanda għalih minn ħafna nies. Il-Madre Ġenerali ta' dak iż-żmien, Madre Teresa De Gabriele, kienet aċċettat li jinħadem ir-rakkmu li minnu kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom speċjalment għat-tfal. Bħala xogħol ta' rakkmu ma sarx biss għal knejjes, imma sar għall-każini kif ukoll għall-Azzjoni Kattolika u entitajiet oħrajn. Id-drapp kien ikun il-biċċa l-kbira bellus, lama jew satin, partikolarment fil-kummissjonijiet ta' standardi għall-każini. Il-Madre Ġenerali flimkien ma xi soru oħra kienu jmorru jiftehmu jekk jaċċettawx ix-xogħol u jagħmlu l-istima tiegħu. Min jikkummissjona kien ġeneralment jiġi b'disinn wara li jkun qabbad disinjatur li kien ikabbru fuq kartuna. Imbagħad kienu jistudjawh sewwa qabel ma jibdew.




Il-bandalora tmexxi l-banda San Leonardo lejn nofs is-seklu 20 (Ritratt Joseph Buhagiar)

Il-proċess ma kienx sempliċi. Kienu jibdew billi jlestu tilari tal-injam apposta sabiex jistiraw id-drapp sewwa biex ikunu jistgħu jaħdmu. Imbagħad jikkupjaw id-disinn fuq karta rqiqa ħafna u jxelluha fuq id-drapp u wara jqattgħu l-karta tad-disinn minn fuq id-drapp, sabiex wara jibdew ix-xogħol. Dan ix-xogħol kien isir mis-sorijiet u kienu biss erbgħa li kienu jafu jaħdmuħ. Tnejn minn dawn is-sorijiet, Sr Vinċenza Borġ u Sr Rose Vella, għadhom jagħmlu appostolat ieħor fi ħdan din l-istess Kongregazzjoni u Sr Gemma Giardinello illum ħallietna sabiex tmur



Il-Bandalora flimkien mal-istandard ta' Franza mal-Banda San Leonardo f'servizz barra Ħal Kirkop (Ritratt Joe Agius)



Il-Bandalora fuq wara takkumpanja l-Banda San Leonardo lejn it-tmeninijiet (Ritratt Leonard Agius)

tgawdi lil Mulej. Lix-xebbiet li kienu jgħixu fl-Istitut kienu jippruvaw jgħallmuhom ukoll. Kull meta kien ikollhom xi biċċa xogħol kienu jgħajjtulhom biex jgħinuhom u b'hekk kienu jħarrġuhom ukoll. Sabiex jagħmlu ċertu disinni u simboli mqabbża bħal ngħidu aħna xi salib, xi għanqud għeneb jew xi ħobż, kienu l-ewwel jagħmlu d-disinn tagħhom bit-tajjar tal-folji, imbagħad fuqu kienu jaħdmu bil-kobob tal-ħajt isfar, sabiex wara jimlew fuqu bil-ħajt tad-deheb. Fl-aħħar jagħtu l-kolla minn taħt biex ix-xogħol jibqa' pulit u stirat. Nistgħu ngħidu li dan ix-xogħol apparti li hu mprezzabli għaliex kien isir kollu bl-idejn b'ħila kbira u bil-paċenzja, huwa wkoll opra ta' arti kbira. Dan kollu tistgħu tapprezzawh mill-qrib fil-bandalora tal-Għaqda Mużikali San Leonardu.

Jiftakru li kienu ħadu xhur sabiex lestewha. Tinsewx li dan kien biss parti mix-xogħol tagħhom fil-kunvent, għax huma ma kinux jaħdmu r-rakkmu l-ħin kollu. Din il-bandalora hija biss waħda minn għadd ta' xogħlijiet prestiġjużi li saru mis-Sorijiet ta' din il-Kongregazzjoni.












**Il-Bandalora bid-dettalji bir-rakkmu maħduma mis-sorijiet fl-Istitut Ġesù Nazzarenu)**





**Uħud mit-trieħi maħduma mill-istess sorijiet (Ritratti Carmen Duca)**

Fost il-kummissjonijiet li ħadmu nsibu tliet standarti, għadd ta' pjaneti u trieħi tal-artali u l-mant li jintrama wara l-Madonna, fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Pompei f'Marsaxlokk, kif ukoll terħa għall-Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat. Ħadmu bandalora għall-Banda La Vallette, standard għall-Banda Beland u ieħor għal dik ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq. Għall-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi ħadmu velu numeral, u standard għall-Fratellanza tar-Rużarju. Inħadem standart simili għall-patrijiet Franġiskani ta' San Ġużepp tar-Rabat. Għall-parroċċa taż-Żejtun ġew ikkummisjonati bandalora ta' Ġesù Nazzarenu, kif ukoll il-bellus għas-sodda tal-Monument. Ta' interess partikolari huma wkoll, l-Istola tar-rettur tal-Università, iż-żraben tal-Isqof Emmanuel Galea li kien juża waqt xi Pontifikal fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann kif ukoll iż-żarbun u l-basket li ġie mogħti lir-Reġina Elizabetta meta din ġiet Malta.




**Iż-żarbun u l-basket irrakmati mis-sorijiet b'għotja lir-Reġina Elizabetta fi żjara tagħha Malta (Ritratt Carmen Duca)**

Il-lum il-ġurnata ftit huma dawk li għadhom jagħmlu dan ix-xogħol li ta' min jgħid li jirrikjedi vista tajba u paċenzja kbira. Kemm Sr Vinċenza kif ukoll Sr Rose ħadu gost ħafna meta ngħabret parti mill-kollezzjoni ta' xogħlijiet li kienu għamlu huma u rawhom kollha flimkien f'wirja li saret fl-aħħar edeizzjoni ta' Żejt iż-Żejtun. Tant kienu emozzjonati meta bdew jirrakkontawli dak kollu li għadkom kemm qrajtu! Sr Vinċenza qaltli wkoll kemm hu mportanti li l-bandalori, it-trieħi u kwalunkwe oġġett maħdum bir-rakkmu tad-deheb kemm jista' jkun ma jitħalliex barra, iżda jiġi miżmum ġo xi vetrina minħabba li tista' ssir



**Sr Vincenza Borg li ħadmet fuq il-Bandalora tal-1949 u li grazzi għaliha ġbarna din l-informazzjoni dwar ix-xogħol tar-rakkmu fl-Istitut ta' Ġesù Nazzarenu fiż-Żejtun (ritratt Carmen Duca)**

ħafna ħsara lid-deheb. Hija qaltli dan bid-dmugħ f'għajnejha biex taraw kemm tapprezza u tiftakar b'liema sagrifiċċju u mħabba kienu jagħmlu dan ix-xogħol u kemm għadu għal qalbhom. Sr Vinċenza u Sr Rose qaluli wkoll li li kieku l-vista tagħhom għada tajba xtaqu li juruni biċċa biċċa kif kienu jaħdmuh. Xtaqtkom rajtu b'għajnejkom x'emozzjoni kellhom meta bdew jispjegawli kif kienu jaħdmu ċertu disinni. Li kieku kellhom l-għodda f'idejhom kienu jippruvaw jaħdmu żgur!

Sr Vinċenza, Sr Rose, il-Madre Superjura u l-kumplament tal-Kongregazzjoni tal-Istitut ta' Ġesu' Nazzarenu, kif ukoll jiena nixtiequ nirringrazzjawkom għat-turija ta' apprezzament lejn ix-xogħol li nħadem b'tant reqqa u paċenzja biex b'hekk seta' jitgawda u jiġi apprezzat mal-medda tas-snin u jingħata l-importanza li tixraqlu.

Nixtiequlkom il-Festa t-Tajba.